**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**
**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Illum il-Ġimgha, 19 ta' Mejju 2023**

**Kumpilazzjoni: 25/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**Vs**

**Mark Lorry Said**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra Mark Lorry Said, ta' 37 sena, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 13184G, li permezz tagħhom ġie akkużat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' Jannar 2020 u/jew fil-ġranet jew ġimgħat ta' qabel, f'xi ħin matul il-lejl, minn ġewwa yard fi Triq iz-Zebbuġ, l-Għasri, Għawdex u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-Gżejjer:

1. ***Ikkommetta serq aggravat ta' għodda ta' kostruzzjoni u tyres, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur, liema valur jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgha u għoxrin euro u sebgħa u***

*tletin ċentezmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Joseph Magro u/jew persuni/entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-artikoli 42, 261(c)(f), 267, 270, 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *U aktar talli nhar il-11 ta' Ġunju 2021 u fix-xhur u/jew snin ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali ppresedut mill-Prim Imhallef Dr. Vincent Degaetano LL.D. nhar it-2 ta' Ottubru 2008, li bih inghata l-helsien mill-arrest taħt garanzija, billi kkommetta delitt li m'huwiex wieħed ta' natura involontarja, u dan bi ksur tal-artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Mark Lorry Said, kif ukoll tordna is-somma indikata fl-istess digriet bhala depożitu u garanzija personali sabiex jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.*

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, u fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotta.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta.

Rat l-artikoli ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tat-30 ta' Mejju 2022.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li din il-kawża tiġi trattata u deċiża minn din il-Qorti bil-proċedura sommarja.

Semgħet trattazzjoni finali.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti fliet ix-xhieda miġbura f' dan il-każ.

Fl-istqarrija li l-imputat għazel li ma jiffirmax u li ngħatat minnu wara li huwa ġie mogħti lista tad-drittijiet tieghu skont il-liġi izda wara li huwa għazel li ma jikkonsultax ma' avukati u kif ukoll għazel li ma jkollux avukat preżenti waqt ir-rilaxx ta' l-istess stqarrija, l-imputat sostna li huwa u Eman Xerri kienu marru ġewwa l-*yard* ta' Joseph Magro fl-Ghasri u ħadu martell u zewġ banjijiet. Fl-istess stqarrija, huwa spjega li dawn l-oġġetti zammhom huwa stess ġol-bitha ta' missieru fin-Nadur u li kien ħa l-martell lil ċertu Roderick Magri sabiex dan ibiegħu.

Fl-istqarrija intqal ukoll li wara kien informa lil Joseph Magro li l-banjijiet qegħdin ghandu u kien anke rritornahom lura lil Joseph Magro.

Xehdu wkoll diversi uffiċjali tal-pulizija u ċioe' l-Ispettur Josef Gauci, PS676 Edelon Spiteri, PC 326 Benjamin Portelli, PS 1040 John Grima, PS 715 Lucian Gatt, PS 186 Christian Mintoff, l-Ispettur Joseph Mercieca, PS 1024 Jeffrey Rizzo, u PC 807 Felix Vella li lkoll spjegaw l-involviment tagħhom f' din l-investigazzjoni.

Xehed Joseph Magro li spjega li huwa sab neqsin diversi oġġetti u li kien meta ra l-martell tiegħu fuq Marketplace f' Facebook illi nforma lil pulizija b' dak li ġara. Spjega wkoll f' xi jiem wara, kien gie avviċinat mill-imputat li kien infurmaħ li ried jirranġa miegħu u li kien lest li jagħtih lura zewġ banjijiet, li fil-fatt ġew ritornati lura lilu. Joseph Magro sostna li kienu nsterqulu xi oġġetti oħra u kif ukoll spjega kemm hu l-valur ta' dawn l-oġġetti.

Xehed Roderick Magri li kkonferma li l-martell kien ġabulu missier l-imputat wara li l-imputat kien kellmu u talbu biex isiblu l-bejgħ tiegħu.

Fil-mori ta' din il-kawża u ċioe' fis 17 ta' Marzu 2022, ġie maħtur il-Perit Claude R Mallia li wkoll ippreżenta r-rapport ippreparat minnu.

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem ta' dawn il-provi jirriżulta li effettivament l-ewwel imputazzjoni relattiva għal serq ta' martell u zewġ banjijiet irriċultat ippruvatha lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli.

Dwar l-aggravvju tal-valur li l-imputat qed jiġi akkużat bih fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqies li nonostante li fil-process hemm xhieda ta' certu Antwan Mugliett mogħtija fl-4 ta' Novembru 2021 flimien ma' kopja ta' rapport ippreparat minnu, ma jirriżulta minn imkien li dan ġie maħtur minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta jew minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta sabiex bhala espert tal-Qorti jaghti valutazzjoni ta' l-oġġetti misruqa. Għalhekk, il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq din id-depozizzjoni. Lanqas ma tista' tistrieħ fuq id-depozizzjoni ta' Joseph Magro li fil-kalkoli tiegħu kien approssimattiv u li ma ressaq l-ebda prova dokumentarja dwar il-valur ta' dawn l-oġġetti misruqa. Madanakollu, din il-Qorti hija f' pozizzjoni li tara permezz ta' diversi ritratti eżebiti l-oġġetti in kwistjoni. Minn eżami ta' l-istess ritratti, huwa ben evidenti għal din il-Qorti li l-valur ta' dawn l-oġġetti jeċċedi ċertament l-ammont ta' EUR 232.94c. Nonostante dan xhin tiġi biex tqies dak li jistipola l-artikolu 279(a) u 279(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti hija fl-impossibilita' li *arbitrio boni viri* tasal għal konkluzzjoni dwar jekk il-valur jeċċedix EUR 2,329.37c jew le. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' prova teknika f' dan ir-rigward, din il-Qorti ma għandhiex quddiemha prova lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli dwar il-valur ta' l-oġġetti misruqa. Dana jwassal lil din il-Qorti f' sitwazzjoni fejn sejra tillibera lil imputat mill-aggravju tal-valur.

Dwar l-aggravju tal-ħin, l-imputat innifsu fl-istqarrija sostna li hu u Eman Xerri kienu marru bil-lejl f' Jannar 2020 u ċioe' fix-Xitwa. Din il-Qorti tqies li għalhekk, dan l-aggravju tal-ħin ġie ppruvat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqies li l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddelinea r-reat ta' riċettazzjoni billi jistipola li kull

min f'Malta xjentement jilqa għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, ser jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati l-piena ndikata.

Illi l-prinċipji regolaturi in tema ta' riċettazzjoni huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna. Skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Ref Il-Pulizija vs Darren Debono deċiża 15 ta' Jannar 2009)

> *"… … sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*
>
> *1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*
>
> *2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*
>
> *3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"[25.10.2002])*
>
> *L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Briguglio" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-*
>
> *"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*
>
> *Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu*

*dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Briguglio" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. John Dimech" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. George Tabone" [24.6.1961] u "Il-Pulizija vs. Tancred Borg" [26.10.1998]).*

*S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo" [21.3.1953]; "Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb" [16.12.1998] u ohrajn)*

*Kif jghid il-KENNY:*

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. ...when an unlikely vendor offers them for an unlikely price ... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them."*

*Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom*

*iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti. F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-Archbold:*

*Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-*

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35):*

*"if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said*

*by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (ara ukoll f' dan is-sens :"Il-Pulizija vs. Carmel Debono" [1.11.1996], "Il-Pulizija vs Richard Spiteri" [31.8.2006] u ohrajn)."*

Jinkombi fuq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-element ta' xjenza da parti tal-imputat. Din irriżultat ippruvat mill-provi mressqa. L-oġġetti u ċioe' l-bajnijiet kienu fil-pussess ta' l-imputat u ġew ritornati lil Joseph Magro, kif ukoll l-martell irriżulta li kien fil-pussess ta' l-imputat li sussewgentement għaddieh lil Roderick Magri biex dan ibiegħu. Per konsegwenza, din il-Qorti tqies li din l-imputazzjoni fir-rigward ta' martell u zewġ banjijiet ġiet ippruvatha mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ġiet imressqa vera kopja tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Graziella Muscat) vs Mark Lorry Said et tat-2 ta' Ottubru 2008 (fol 31 et seq). Madanakollu, fil-mori ta' din il-kawża, la tressqet l-Uffiċjal Prosekutur Spettur Graziella Muscat jew l-ispettur li għandu assenjat lilu dan il-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mark Lorry Said kif ukoll lanqas tressqet ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Għawdex sabiex tikkonferma li fiż-żmien indikat fl-imputazzjonijiet odjerni, l-imputat kien qiegħed ħieles mill-arrest taħt garanzija ai termini tad-digriet tat-2 ta' Ottubru 2008. Lanqas ma tressqet xi prova mill-Prosekuzzjoni fis-sens li Mark Lorry Said li huwa msemmi fid-digriet tat-2 ta' Ottubru 2008 huwa l-istess imputat odjern. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni ppreżentat l-aħjar prova dwar it-tielet imputazzjoni bil-konsegwenza li din il-Qorti sejra tillibera lil imputat minn din it-tielet imputazzjoni.

Fir-rigward ta' piena, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat ezebita a fol 7 tal-process. Il-Qorti qieset li l-oġġetti u ċioe' l-martell u l-banjijiet ġew ritornati lil Joseph Magro. Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk ma tqisx li piena karċerarja hija l-piena idonea f'dan il-każ.

**Deċide:**

Għaldaqstant il-Qorti issib lil Mark Lorry Said mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirrelata ma' serq ta' tyres u ma' l-aggravju tal-valur, kif ukoll ma ssibux ħati tat-tielet imputazzjoni, mentri wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 261 (f), 267, 270, 281 (a), 334(a), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil Mark Lorry Said ħati ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirrigwarda serq aggravat ta' għodda ta' kostruzzjoni liema serq huwa aggravat bil-ħin u hati tat-tieni imputazzjoni filwaqt li qeghda tikkundannah sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiza għall-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mark Lorry Said l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In vista tal-fatt li fil-mori gie maħtur l-espert Perit Claude R Mallia, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tordna lill-hati jħallas is-somma ta' mija u tnejn u erbgħin ewro (EUR 142).

Inoltre, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed toħroġ ordni ta' trazzin fil-konfront ta' l-istess hati a favur tal-vittma Joseph Magro, liema ordni ta' trazzin hija soġġetta għal varji kondizzjonijiet ilkoll kontenuti fl-istess ordni u liema ordni qed tinħareġ għal zmien sentejn. Din l-ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

(ft.) Dr. Simone Grech

Maġistrat

(ft.) Silvio Xerri

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur